MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 317/2005

**Master Distributors Ltd**

**vs**

**Portobello Restaurant Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas mill-konvenut ta' disa' mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmi (LM926.89) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Master Distributors Ltd rappresentanti merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fis -7 ta' Jannar, 2004 u diversi dati qabel.

Bl-Ispejjez u imghaxijiet legali mis-7 ta' Jannar, 2004 data ta' l-ahhar konsenja , l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju , 2004 u 13 ta' Settembru, 2004.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante
li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' 'barter' u dana hekk kif ser tipprova s-socjeta konveuta waqt din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet kif permessi mill-Ligi.

Ra x-xhieda moghtija minn Noel Debattista u Andrew Farrugia.

Sema d-difensuri tal-partijiet u ezamina d-dokument ezebit mis-socjeta' attrici.

Sema t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra
Mix-xhieda u dokumenti jirrizulta li s-socjeta' attrici bieghhet u kkonsenjat il-prodotti taghha lill-konvenuti li kienu jiggestixxu l-Portobello Restaurant f'san pawl il-Bahar. L-Istess socjeta' attrici esebiet dokujmenti li jindikaw li l-bilanc dovut fuq il-prodotti mibjugha jammontaw ghal ta' disa' mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmi (LM926.89) . Dan l-ammont ma giex ikkontestat mis-socjeta' konvenuta iffukaw biss fil-kwistjoni ta' 'barter' li huma qalu li kien miftiehem miz-zewg partijiet izda li ma gietx ammessa mis-socjeta' attrici.

Mix-xhieda ta' Noel debattista, salesman ta' Masters Distrbutors huwa jiddikjara lli xoghlu kien li jiehu l-ordnijiet. Kien mar ghand is-socjeta' konvenuta darba sabiex jigbor il-flus peress illi l-kont kien tela' LM926.89 u kien kellem lil certru Andrew fejn kien spjegalu lli ma hallsux ghaliex kellhom ftehim ma certa Doris Lungaro Mifsud mill-Masters Distributors Ltd li kienu ha jaghnlu reklami fuq Smash television. Dan ghaliex Portobello Restaurant kellu xi konnessjoni ma' dan ir-*restaurant*. Din il-persuna ma baqghetx fl-impieg tas-socjeta' attrici. Meta x-xhud kien saqsa lil Andrew ghal xi haga bil-miktub dan kien qallu li l-ftehim kien verbali.

Mix-xhieda ta' Andrew Farrugia, Direttur ta' Portobello Restaurant Ltd jidher illi kien hemm ftehim ma certa Doris Lungaro Mifsud li kienet impjegata bhala Sales Director ma Masters Distributors u li l-ftehim kien sar fil-presenza ukoll ma Lino Galea il-Manager tar-*restaurant*. Kien hemm ftehim verbali. Il-Ftehim kien li Portobello Restaurant Ltd thallas lil Master Distributors b'mod li Master Distributors Ltd jiehdu advertising ta' LM250 fix-xahar fuq Smash television jew radio, izda dan l-advertising qatt ma sar.

Jidher mill-atti lli ghall-ewwel xahrejn il-kontijiet ithallsu minn Portobello Restaurants Ltd. Skond ix-xhud Andrew Farrugia il-ftehim dwar l-advertsing kien sar mar-raba' xahar ta' konsenji.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Is-Socjeta' attrici ghandha tiehu s-somma liema somma qatt ma gie kkontestata mis-socjeta' konvenuta. Gie prezentat dokumentazzjoni in sostenn mis-socjeta' attrici.

Minn naha l-ohra l-eccezzjoniji sollevata mis-socjeta' konvenuta hija kkonfermata mix-xhieda ta' Andrew Farrugia, Direttur tas-socjeta' konvenuta li kien parti mit-tahdidied li kienu sehhu bejn Lino Galea il-Manager tar-Restauarant u Doris Lungaro Mifsud, sales Director tas-socjeta' attrici . Hu kien al koll illi kien hemm ftehim verbali.

Fil-kaz in ezami fir-risposta taghha s-socjeta konvenuta allegat ftehim ta' 'barter'. Pero' s-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda prova ohra f'dawn il-proceduri hlief ghax-xhieda tad-direttur tas-socjeta' konvenuta. Tenut kont ta' dan in-nuqqas, it-Tribunal ma jistax ma jaccettax il-provi esebiti mis-socjeta' attrici..

Is-Socjeta' konvenuta naqset  milli ttella iz-zewg xhieda li kienu parti ntegru minn dan il-ftehim li huma Doris Lungaro Mifsud, ex Sales Director mas-socjeta' attrici u Lino Galea Restauarant Manager tas-socjeta' konvenuta.

Illi dwar il-*quantum* mitlub diga' gie osservat 'supra' li dwaru m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas l-ammont mitlub fl-Avviz bl-Ispejjez u imghaxijiet legali mis-7 ta' Jannar, 2004 data ta' l-ahhar konsenja, l-ittra ufficjali  tat-12 ta' Lulju , 2004 u 13 ta' Settembru, 2004.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------